MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 63

It-Tlieta, 23 ta' April, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (2)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 63.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

63.1.1 Ma kienx hemm

## 63.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

63.2.1 Is-Sindku JC ressaq il-minuti tas-sittin (60) laqgħa tal-Kunsill li ġew ċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

63.2.2 Il-Kunsillier Alex Caruana talab li tigi emendata minuta numru 60.4.20. Wara kjarifika gie deciz unanimament illi l-minuti kellhom jigu emendati.

63.2.3 Il-Kunsillier Stanley Zammit talab li tigi emendata minuta numru 60.9.1. Wara kjarifika gie deciz unanimament illi l-minuti kellhom jigu emendati.

63.2.4 Il-Kunsillier Stanley Zammit talab li tigi emendata minuta numru 60.15.1. Wara kjarifika gie deciz unanimament illi l-minuti kellhom jigu emendati.

63.2.5 Il-Kunsillier Stanley Zammit ressaq mozzjoni ssekondata mill-Vici-Sindku Joseph Baldacchino favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament. Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhal dokument korrett

63.2.6 Is-Sindku Joseph Cutajar ressaq il-minuti tal-wiehed u sittin (61) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

63.2.7 Il-Kunsillier Stanley Zammit ressaq proposta sabiex minuta numru 62.4.1 tigi emendata u wara l-kliem "il-kuntratt ta' hbiberija mressaq fuq il-mejda" jizdied il-kliem "Dan pero' bil-ftehim effettiv tal-gemellagg jigi ffirmat, kemm il-darba jkun hemm qbil minn legislatura ohra. Gie deciz ukoll illi kellha tittella' informazzjoni fuq il-pagna ta' facebook tal-Kunsill Lokali dwar il-materja. Kien hemm qbil unanimu illi l-minuti kellhom jigu emendati hekk kif propost.

63.2.8 Il-Vici Sindku Joseph Baldachhino ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Alex Caruana favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun sitt voti favur u astensjoni wahda.

63.2.9 Is-Sindku Joseph Cutajar ressaq il-minuti tat-tnejn u sittin (62) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

63.2.10 Il-Kunsillier Johann Borg ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Alex Caruana favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun sitt voti favur u astensjoni wahda.

## 63.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

63.3.1 Ma kienx hemm

## 63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

63.4.1 Il-Kunsillier Alex Caruana talab lill-Kunsill Lokali jikkunsidra l-possibilita' illi titwehhel lampa fi Triq l-Ghannejja
Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimplimenta l-proposta tal-Kunsillier Caruana.

63.4.2 Il-Kunsillier Alex Caruana qal illi l-Kunsill Lokali kien ha hsieb li tehel mera fi Triq it-Torri. Madanakollu, kien ircieva talba sabiex titwehhel mera ohra mal-faccata ta' dik li kienet diga' twahhlet
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-mera li kienet qieghda tintalab kienet taqa' fil-konfini ta' lokalita' ohra. Ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali kellu jibghat ittra lill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk bil-ghan illi dan tal-ahhar jikkunsidra li jwahhal il-mera mitluba mir-residenti

63.4.3 Is-Sur Alex Caruana staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward barrier li kien hemm fil-bajja s-sabiha u li kellha tinbidel
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kellu laqgha skedata bil-ghan illi jingabru l-istimi u jigi stabbilit x'kien hemm bzonn li jsir min-naha tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali kellu jinzamm infurmat.

63.4.4 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk kienx hemm zviluppi rigward minuta 60.19.1.
Il-Kunisllier Caruana gie infurmat illi hekk kif maqbul kienet intbaghtet ittra lill-Environmental and Resources Authority.

63.4.5 Il-Kunsillier Alex Caruana qal illi kien gie avvicinat minn xi residenti li kienu talba illi l-grawnd tal-futbol li kien hemm fil-bajja s-sabiha ikun aktar accessibbli ghat-tfal u residenti jew li tigi evalwata l-possibilita' illi jsir grawnd zghir li jkun miftuh ghal kulhadd.
Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera, kien hemm qbil bejn il-membri illi l-materja kellha tithalla ghad-diskrezjoni tal-legislatura segwenti.

63.4.6 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk kenitx giet ratifikata problema ta; ilmijiet li kien hemm fl-iskate park li kien ghadu kemm gie inawgurat.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kienu ghaddejjin ix-xogholijiet bil-ghan illi tissolva l-problema.

63.4.7 Is-Sur Stanley Zammit u s-Sinjur Alex Caruana staqsew jekk kienx hemm zviluppi rigward caqliq ta' bus shelter fi triq San Patrizju.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fir-rigward ma kien hemm ebda zviluppi. Kien hemm qbil illi kellu jintbaghat reminder dwar il-materja.

63.4.8 Is-Sur Alex Caruana staqsa f'liema stadju kien wasal il-process sabiex isiru numru ta' *traffic calmers* li dwarhom kien hemm l-approvazzjoni ta' Transport Malta.
Wara li l-Kunsillier Stanley Zammit semma lista' ta' xogholijiet approvati, is-Sindku ta' spjegazzjoni lill-Kunsill Lokali dwar il-materja u semma kif il-Kunsill Lokali kien aggudika s-sejha ghall-offerti li permezz taghha kien ser ikun qieghed isir ix-xoghol.

63.4.9 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa rigward pedestrian crossing fi Triq Dawret il-Qalb Imqaddsa.
Il-Kunsillier Stanley Zammit informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jiehu hsieb il-materja.

63.4.10 Il-Kunsillier Alex Caruana talab spjegazzjoni dwar id-direzzjoni tas-sewqan fi Triq ir-Raddiena.
Il-Kunsillier Stanley Zammit ta' spjegazzjoni lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

63.4.11 Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mistoqsija rigward Triq iz-Zurrieq.
Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja.

63.4.12 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward Triq il-Batterija.
Il-Kunsillier Stanley Zammit informa lill-Kunsill Lokali illikien hadem fuq id-disinji ta' Triq il-Batterija, Triq F.M. Ferretti u Triq F.M. Ferretti kantuniera ma' Triq Cachia Zammit.

63.4.13 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku dwar problema ta' skart li kien hemm fi Tirq ix-Xerriek u Triq il-Marnisi.
Is-Sindku ta' spjegazzjoni lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

63.4.14 Is-Sa. Josette Busuttil infurmat lill-Kunsill Lokali bi problema li kien hemm fi Triq ix-Xerriek u talbet lill-Kunsill Lokali jikkunsidra l-possibilita' illi tigi sospiza s-seduta bil-ghan illi l-materja tkun tista' tigi diskussa ma' residenti li kienu prezenti.

Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Alex Caruana u b'votazzjoni unanima, kien hemm qbil illi s-seduta kellha tigi sospiza. (6:35p.m.)

Is-Seduta tkompliet fis-6:50p.m.

63.4.15 Il-Kunsilliera Josette Busuttil talbet lill-Kunsill Lokali jikkunsidra l-possibilita' illi jsir patching fi Triq San Lucjan.
Il-Kunsilliera Busuttil giet infurmata illi x-xoghol ma kienx jaqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali izda ta' Infrastructure Malta.

F’dan l-istadju is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kien ser ikollu jhalli s-seduta minhabba ragunijiet ta’ xoghol (7:00p.m.). Il-Vici-Sindku ha post is-Sindku u ppresjeda l-laqgha.

63.4.16 Il-Kunsilliera Josette Busuttil talbet lill-Kunsill Lokali dwar eventwali zviluppi li seta kien hemm b’konnessjoni ma’ Triq Ghar Dalam.
Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-progett kienet responsabbli minnu Transport Malta. Fir-rigward, kellha tintbaghat reminder lill-istess Transport Malta dwar il-materja.

63.4.17 Il-Kunsilliera Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali fiex kien wasal il-process sabiex tigi installata road hump fi Triq tal-Gebel.
Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fir-rigward kienet ghadha ma waslitx l-approvazzjoni mehtiega.

63.4.18 Il-Kunsillier Johann Borg staqsa lill-Kunsill Lokali dwar eventwali zviluppi li seta’ kien hemm b’konnessjoni ma’ problema li kien hemm b’litter bin fi Triq ix-Xatt ta’ San Gorg.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera bl-izviluppi li kien hemm fir-rigward.

63.4.19 Il-Kunsillier Johann Borg staqsa lill-Kunsill Lokali dwar eventwali zviluppi li seta’ kien hemm b’konnessjoni ma’ tiswijiet ta’ bandli li kienu ilhom li gew ordnati.
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsill Lokali bl-izviluppi li kien hemm dwar il-materja.

63.4.20 Il-Kunsillier Johann Borg informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed ikun hemm numru ta’ boroz bl-iskart imhallat fil-litter bins fi Gnien l-Indipendenza u staqsa lill-Kunsill Lokali jekk setax isir xi haga sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi z-zona kellha tkun inkluza fil-progett pilota ta’ monitoragg li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta flimkien mal-Cleansing Services Department.

63.4.21 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi b’konnessjoni ma’ xoghol li l-Kunsill Lokali kien iddecieda li jimplimenta fuq barrier ghall-vetturi li kien hemm fil-bajja s-sabiha.
Is-Segretarju. Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi dwar il-materja kellu laqhga ma’ fonritur fil-gimgha segwenti.

63.4.22 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward tabelli li kellhom jigu ordnati u installati biswit skate park li kien hemm fil-bajja s-sabiha.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni kienet qighda tahdem fuq il-materja.

63.4.23 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward numru ta’ tabelli tac-ceramika li l-Kunsill Lokali kien qabel li jordna ghall-ismijiet ta’ toroq fil-lokalita’.

Wara li s-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li kienet ingabret stima u ghadda informazzjoni tal-prezz ghal kull tabella, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellhom jingabru aktar stimi.

63.4.24 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali dwar eventwali zviluppi rigward ilqugh ma bridge li kien hemm fi Triq il-Qotono, li kien gie diskuss f'seduta precedenti.
Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi s-Sindku kellu jaghti eventwali risposta dwar il-materja.

63.4.25 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kenitx intbaghtet applikazzjoni ghal traffic calmer fi Triq it-Torri.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni kienet ser tkun qieghda tintbaghat f'qasir zmien.

63.4.26 Is-Sinjura Leanne Grech staqsiet lill-Kunsill Lokali s-sitwazzjoni ta' Triq Zaren Dalli anke minhabba l-fatt illi kien qieghed ikun hemm inkonvenjent kemm lir-residenti kif ukoll lill-bejjiegha tas-suq fil-berah.
Wara li s-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali bl-izviluppi li kien hemm gie deciz illi kellha tintbaghat ittra sabiex issir pressjoni lil Infrastructure Malta dwar il-materja.

63.4.27 Is-Sa. Leanne Grech qalet illi fl-opinjoni taghha kellu jsir xi haga mad-dawra tal-iskate park li kien hemm fil-bajja s-sabiha.
Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi s-Sindku kien qieghed jahdem sabiex fis-sit jigi implimentat progett ta' *geo textiles.*

## 63.5 Rapporti;

63.5.1 Il-Vici-Sindku pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali performance appraisal report ghall-eks- Segretarju Ezekuttiv ghall-perjodu Jannar-Marzu 2019. Is-Sur Baldacchino zied jghid illi wara li evalwa l-hidma tal-eks Segretarju Ezekuttiv huwa kien qieghed jirrakkomanda illi s-Sur Flores jinghata l-massimu ta' 10% bhala performance bonus. Fuq kunsiderazzjoni tal-Vici-Sindku ssekondata mill-Kunsilliera Leanne Grech u b'votazzjoni unanima, gie deciz illi kellha ssir rakkomandazzjoni lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bil-ghan illi l-eks Segretarju Ezekuttiv jinghata l-massimu tal-performance bonus.

63.5.2 Tressaq rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg diskussjoni mill-Kunsill Lokali bid-decizjonijiet ikunu s-segwenti:

- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jippartecipa permezz ta' qoffa f'wirja li l-Malta Horticultural Society kienet ser tkun qieghda ttella' nhar is-Sibt 4 u l-Hadd 5 ta' Mejju 2019.
- Ma kelliex tigi milqugha talba ghal permess sabiex jintrama' kiosk bl-ikel bsiwit il-freeport
- Il-Kunsill Lokali kellu japplika ghal skema li kienet inharget mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali permezz ta' SPI07/2019. L-applikazzjoni li kellu jiehu hsiebha

l-Kunsillier Stanley Zammit kienet tikkoncerna finanzjament ta’ apparat ta’ sistemi ta’ irrigazzjoni.

- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba ghal permess ghal tinda fil-bajja s-sabiha bil-ghan illi ssir promozzjoni ta’ materjal relatat ma vetturi.
- Kellha tigi mghoddija lill-Kunsilliera ghad-diskussjoni korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand Slackliner Malta.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghall-ispiza relatata ma’ xiri ta’ personal tracker bil-ghan illi jigi ssorveljat ahjar ix-xoghol kuntrattwali li kienu jaghmlu l-kenniesa.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoi ghal talba li kienet tressqet mill-Malta Basketball Association ghal attivita’ fil-bajja s-sabiha.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal applikazzjoni li kienet dahlet ghand l-Awtorita’ tal-Ippjanar bil-ghan illi jitpogga kiosk f’misrah is-Summit.
- Gie deciz illi minflok ma tinghata remote ghal barrier li kien hemm fil-bajja s-sabiha, residenta kellha tigi infurmata illi kien ser ikun hemm cummunal reserved parking ghall-persuni bi bzonnijiet specjali f‘Dawret il-Qalb Imqaddsa.
- Il-Kunsill Lokali ma approvax stima minghand GRC ltd. ghal servizzi fil-lokalita’ liema stima kienet tammonta ghal ewro1486.80

## 63.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati;

63.6.1 Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

63.7.1 Il-Vici-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 04/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1). Wara li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb ghal mistoqisjiet li tressqu mill-Kunsillier Alex Caruana rigward hlas relatat ma’ ivvjaggjar u ma’ apparat ghal playing fields, id-dokument tressaq ghall approvazzjoni

63.7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Alex Caruana u ssekondata mill-Kunsillier Stanley Zammit , ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

63.7.3 Il-Vici-Sindku ippreżenta r-rapport ta’ nfiq mill-*Petty Cash* għal Marzu 2019 bir-riferenza 3/2019 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

63.7.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Alex Caruana u ssekondata mis-Sur Stanley Zammit, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 63.8 Mozzjonijiet;

63.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 63.9 Traffiku u Parkeġġ;

Ma kienx hemm materji x'jigu diskussi

## 63.10Applikazzjoni ta' Żvilupp;

63.10.1 Il-Vici-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali dokumenti relatati ma applikazzjoni numru PA/03049/19 li kienet tikkoncerna progett pilota fil-bajja ta' San Gorg. Wara li kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghall-izvilupp propost.

## 63.11 Street Lighting;

63.11.1 Il-Kunsillier Stanley Zammit spjega lill-Kunsill Lokali illi kien hemm talba sabiex tizdied lampa fi Triq San Gwann (faccata ta Centru Raghaj it-Tajjeb). Wara diksussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-lampa kellha ssir.

63.11.2 Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tittiehed azzjoni ssabiex jitnehhew brackets, lampa u wires li kien hemm ma' faccata ta' binja storika li kien hemm fiz-zona ta' Benghajsa.

## 63.12 Attivitajiet;

601.2.1 Il-Vici-Sindku ta' rendikont tal-informazzjoni li kienet disponibbli ghall-attivita' Festa Nar li kien qieghed jigi ppjanat li tittella' f'Mejju 2019. Gie diskuss fost l-ohrajn it-trasport pubbliku u stalls li kellhom ikunu armati waqt l-istess attivita'.

## 63.13 Offerti Pubbliċi u kuntratti;

63.13.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m'evalwax l-offerta relatata maż-Żamma u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi.

63.13.2 Il-Vici-Sindku enfasizza sabiex il-bord jiltaqa' u jagħlaq dan il-każ b'mod immedjat.

63.13.3 Id-Deputat. Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill lokali illi kien gie ffirmat il-kuntratt relatat mal-Offerta ta' Żamma u Manutenzjoni ta' Bankini

63.13.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m'evalwax l-offerta relatata maż-Żamma u Manutenzjoni ta' soft areas.

63.13.5 Il-Vici-Sindku enfasizza sabiex il-bord jiltaqa’ u jagħlaq dan il-każ b’mod immedjat.

## 63.14 Latrini Pubbliċi;

63.14.1 Ma kienx hemm materji x’jigu diskussi

## 63.15 Proġetti u Xogħlijiet;

63.15.1 Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien ircieva dokumentazzjoni rigward Mizura wiehed ( restoration of assets of artistic and cultural value) li kienet ser tkun qieghda tinhareg minn GALXLOKK.

63.15.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kemm il-darba jkun possibbli l-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex ikun hemm restawr fuq il-kappella ta’ San Gorg

## 63.16 Mili ta’ postijiet Vakanti;

63.16.1 Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ghadu ghaddej il-process ta’ intervisti ghall-hatra ta’ Segretarju Ezekuttiv gdid. Is-Sur Baldacchino qal illi kien ser ikun qieghed izomm lill-Kunsill Lokali aggornat b’eventwali zviluppi.

63.16.2 Il-Vici-Sindku qal illi kienu gew maghluqa l-processi ghall-hatra ta’ Assistent Ufficjal Principali u Ufficjal Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali. Kien ser ikun qieghed jigi avvjat il-process ghal ingagg ta’ skriva/a gdid/a. Dwar il-materja kienet diga’ inkisbet l-approvazzjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Gie deciz illi l-bord tal-intervisti ghall-vakanza imsemmija kellu jkun kompost mis-Sinjuri Stanley Zammit, Leanne Grech, Alex Caruana, Josette Busuttil u Joseph Cutajar bid-Deputat Segretarju Ezekuttiv iservi ta’ membru ex-ufficio fl-istess bord.

## 63.17 Skema ta’ Skart riċiklabbli

63.17.1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-process ghall-iffirmar ta’ kuntratt ma’ GreenPak kien wasal biex jintemm u sas-seduta li jmiss kien qieghed jigi previst illi l-materja tigi konkluza.

## 63.18 Bus Shelters

63.18.1 Il-Vici-Sinkdu qal li l-Kunsill Lokali kellu laqgha ma’ Faces Consultants li matulha gew diskussi numru ta’ bus shelters. Segwiet diskussjoni libera li matulha il-Vici-Sindku sahaq illi l-Kunsill Lokali ma kellux jacetta’ l-istil gdid ta’ bus shelters li kienu qieghdin jigu proposti peress li ma kienux komdi biex wiehed ipoggi fuqhom. Kien hemm qbil mal-proposta tal-Vici-Sindku

## 63.19 Hatra ta' Data Protection Officer

63.19.1 Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsilliera prezent illi l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg li tittiehed azzjoni bil-ghan illi jinhatar Data Protection Officer fi hdan il-Kunsill Lokali. Is-Sur Baldacchino zied jghid illi hadd mill-amministrazzjoni ma kien interessat illi jokkupa din il-kariga.

63.19.2 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi hadd mill-amministrazzjoni ezistenti ma kien ha tahrig dwar il-materja u kien kompetenti bizzejjed biex jokkupa l-kariga. Segwiet diskussjoni libera li matulha gie deciz illi kellhom jigu migbura stimi u jkun hemm decizjoni dwar il-materja fis-seduta segwenti.

## 63.20 Skema ta' Progetti Kapitali (DLG);

63.20.1 Il-Vici-Sindku qal illi l-Kunsill Lokali kien ghadu ghaddej bix-xoghol preparatorju relatat mal-iskema msemmija. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv sahaq illi kien hemm dffikulta' relatata mal-fatt illi l-istima li kellu l-Kunsill Lokali kienet ferm oghla mill-ammont li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed eventwalment jibbenefika minnu permezz tal-iskema.

63.20.2 Segwiet diskussjoni libera li matulha giet diskussa l-materja. Kien hemm decizjoni illi l-materja kellha tigi diskussa f'aktar dettall fil-futur qarib

## 63.21 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

63.21.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha , 15 ta' Mejju 2019 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 15 ta' Mejju, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joseph Cutajar | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |